



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0290(COD)

---

---

12234/23  
ADD 1

MI 669  
ENT 172  
CONSOM 295  
SAN 475  
IA 199  
COMPET 800  
CHIMIE 77  
ENV 898  
CODEC 1457

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                                |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                      |
| data meta waslet: | 28 ta' Lulju 2023                                                                                                                              |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                     |
| Nru dok. Cion:    | COM(2023) 462 final                                                                                                                            |
| Suġġett:          | ANNESSI tal- PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 462 final.

Mehmuż: COM(2023) 462 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.7.2023  
COM(2023) 462 final

ANNEXES 1 to 8

## **ANNESI**

**tal-**

### **PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL- KUNSILL**

**dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE**

{SEC(2023) 297 final} - {SWD(2023) 268 final} - {SWD(2023) 269 final} -  
{SWD(2023) 270 final}

## **ANNESS I**

### **PRODOTTI LI DAN IR-REGOLAMENT MA JAPPLIKAX GĦALIHOM**

#### **Parti I – Ġugarelli esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament**

1. Tagħmir tal-bandli maħsub għall-użu pubbliku;
2. magni tal-logħob awtomatiċi, imħaddma bil-muniti jew le, maħsuba għall-użu pubbliku;
3. vetturi tal-logħob mgħammra b’magni tal-kombustjoni;
4. ferroviji tal-logħob li jaħdmu bl-istim

#### **Parti II – Prodotti mhux meqjusa bħala ġugarelli skont it-tifsira ta’ dan ir-Regolament**

1. Oġġetti dekorattivi għall-festi u għaċ-ċelebrazzjonijiet;
2. prodotti għall-kollezzjonisti, dment li l-prodott jew l-imballaġġ tiegħu jkollu indikazzjoni viżibbli u leġibbli li hu maħsub għall-kollezzjonisti ta’ 14-il sena jew akbar. Eżempji ta’ din il-kategorija huma:
  - (a) mudelli bi skala preċiża;
  - (b) kitts għall-assemblaġġ tal-mudelli bi skala preċiża;
  - (c) pupi folkoristiċi u dekorattivi u oġġetti simili oħra;
  - (d) repliki storiċi tal-ġugarelli; u
  - (e) riproduzzjonijiet tal-armi tan-nar;
3. tagħmir tal-isports, inkluż roller skates, inline skates u skateboards maħsuba għat-tfal b’massa tal-ġisem ta’ aktar minn 20kg;
4. roti bl-ġholi massimu tas-sit sa 435 mm, imkejjeż bħala d-distanza wieqfa mill-art sa wiċċ is-sit, bis-sit mimdud u s-sedil aġġustat għall-aktar pożizzjoni baxxa possibbli;
5. roti, skuters u mezzi oħra tat-trasport disinjati għall-isport jew maħsuba għall-ivvjaġġar fuq toroq pubbliċi jew mogħdijiet pubbliċi;
6. vetturi li jaħdmu bl-elettriku maħsuba għall-ivvjaġġar fuq toroq pubbliċi, mogħdijiet pubbliċi jew il-bankini tagħhom;
7. tagħmir tal-ilma maħsub biex jintuża fl-ilma fond u tagħmir għat-tagħlim tal-ġhawm mit-tfal, bħal swim seats u għajnuniet għall-ġhawm;
8. puzzles b’aktar minn 500 biċċa;
9. xkubetti u pistoli li jużaw gass ikkumpressat, għajr l-ixkubetti tal-ilma u pistoli tal-ilma, u l-qwies (tal-vleġeġ) li jkunu itwal minn 120cm;
10. logħob tan-nar, inkluż il-percussion caps li ma jkunux iddisinjati speċifikament bħala ġugarelli;
11. prodotti u logħob li jużaw missili bil-ponta, bħal settijiet tad-darts bil-ponot metalliċi;

12. Prodotti edukattivi funzjonali, bħal fran elettriċi, ħadidiet tal-mogħdija jew prodotti funzjonali oħra mħaddma b'vultaġġ nominali aktar minn 24 volt u li jinbiegħu esklużivament għal skopijiet ta' tagħlim bis-superviżjoni adulta.
13. prodotti maħsuba għal skopijiet edukattivi fl-iskejjel jew f'kuntesti pedagoġiċi oħra bis-sorveljanza ta' edukatur adult, bħal tagħmir tax-xjenza;
14. tagħmir elettroniku, bħal kompjuters personali u game consoles, użati biex jinkiseb aċċess għal software interattiv u l-periferali assoċjati tiegħu, jekk it-tagħmir elettroniku jew il-periferali assoċjati ma jkunux iddisinjati b'mod speċifiku għat-tfal u mmirati għalihom u jkollhom valur tal-logħob minnhom infushom, bħal kompjuters personali, tastieri, joy sticks jew roti tas-sewqan iddisinjati b'mod speċjali għal hekk.
15. software interattiv, maħsub għad-divertiment, bħal-logħob tal-kompjuter u l-mezzi tal-ħżin tagħhom;
16. gażażi tat-trabi;
17. tidwil divertenti għat-tfal;
18. transformers elettriċi għall-ġugarelli;
19. aċċessorji tal-moda għat-tfal, li mhumix maħsuba għall-użu fil-logħob.

## ANNEX II

### REKWIŻITI TAS-SIKUREZZA PARTIKOLARI

#### Parti I – Karatteristiċi fiżiċi u mekkaniċi

1. Il-ġugarelli u l-partijiet tagħhom, u l-ankraġġi fil-każ tal-ġugarelli fissi, għandu jkollhom is-saħħa mekkanika meħtieġa u, meta xieraq, l-istabbiltà biex jifilħu l-istress li jkunu esposti għalih waqt l-użu mingħajr ma jinkisru jew mingħajr ma jitgħaffġu bir-riskju li jikkawunaw korrimenti fiżiċi.
2. It-truf, il-ponot sporguti, il-ħbula, il-kejbijs u l-qfieli aċċessibbli tal-ġugarelli għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' korrimenti fiżiċi meta t-tfal jiġu f'kontatt magħhom.
3. Il-ġugarelli għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li ma jgħallqu l-ebda riskju għas-saħħa u s-sikurezza jew l-inqas riskju minimu inerenti għall-użu tagħhom li jista' jinholq biċ-ċaqliq tal-partijiet tagħhom.
4.
  - (a) Il-ġugarelli u l-partijiet tagħhom ma għandhomx jippreżentaw riskju ta' tgħalliq.
  - (b) Il-ġugarelli u l-partijiet tagħhom ma jistgħux jippreżentaw xi riskju ta' asfissija bl-għeluq tal-fluss tal-arja minħabba imblukkar tal-passaġġ tal-arja estern għall-ħalq jew għall-imnieħer.
  - (c) Il-ġugarelli u l-partijiet tagħhom għandu jkollhom dimensjonijiet li ma jgħallqu l-ebda riskju ta' asfissija bl-għeluq tal-fluss tal-arja minħabba imblukkar intern tal-passaġġ tal-arja b'oġġetti li jitqiegħdu fil-ħalq jew fil-farinġi jew li jitpoġġew fuq id-daħla tal-passaġġi tal-arja t'isfel.
  - (d) Il-ġugarelli maħsuba ċarament biex jintużaw mit-tfal sa 36 xahar, u l-partijiet komponenti tagħhom u kull parti tal-ġugarelli li tinqala', għandu jkollhom dimensjonijiet li jevitaw milli jinbelġu jew jidħlu fl-imnifsejn. Dan japplika wkoll għal ġugarelli oħra maħsuba biex jitpoġġew fil-ħalq, u għall-partijiet komponenti tagħhom u kull parti minnhom li tinqala'.
  - (e) L-imballaġġ li jkunu fih il-ġugarelli għall-bejgħ bl-imnutet ma għandux jippreżentaw riskju ta' tgħalliq jew asfissija minħabba imblukkar tal-passaġġ tal-arja estern għall-ħalq jew għall-imnieħer.
  - (f) Il-ġugarelli li jkunu ġo prodotti tal-ikel jew imħallta ma' prodott tal-ikel għandu jkollhom l-imballaġġ tagħhom stess. Dan l-imballaġġ, kif jiġi fornut, irid ikollu dimensjonijiet li jevitaw milli jinbela' u/jew li jidħlu fl-imnifsejn.
  - (g) L-imballaġġ tal-ġugarelli, kif imsemmi fil-punti (e) u (f), li jkun fil-għamla ta' ballun, bajda jew elissojd, u kull parti li tinqala' ta' dan l-imballaġġ jew ta' imballaġġ ċilindriku tal-ġugarelli bit-truf ittondjati, għandu jkollu dimensjonijiet li jevitaw milli jwassal għall-imblukkar tal-passaġġ tal-arja meta jitqiegħed fil-ħalq jew fil-farinġi jew meta jitpoġġa fuq id-daħla tal-passaġġi tal-arja t'isfel.
  - (h) Il-ġugarelli mwaħħla sew ma' prodott tal-ikel waqt il-konsum, b'mod l-prodott tal-ikel ikun jeħtieġu jiġi kkunsmat biex jinkiseb aċċess dirett għall-ġugarell, għandhom ikunu pprojbiti. Il-partijiet tal-ġugarelli mwaħħla mod ieħor mal-ikel għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (c) u (d).

5. Il-ġugarelli tal-ilma għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li jnaqqsu kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-użu rakkomandat tal-ġugarell, kull riskju li l-ġugarell ma jżommx f'wiċċ l-ilma u li ma jibqax jiflaħ lit-tfal.
6. Il-ġugarelli li tista' tidħol ġo fihom u li għalhekk ikollhom spazju magħluq għal min jidħol ġo fihom għandu jkollhom mezz minn fejn l-utenti maħsuba jkunu jistgħu joħroġu faċilment minn ġo fihom.
7. Il-ġugarelli li jċaqilqu lill-utenti maħsuba għandu jkun fihom, kemm jista' jkun, sistema tal-brejkijiet adattata għat-tip ta' ġugarell u li tiflaħ għall-enerġija kinetika ġenerata minnu. Sistema bħal din għandha tkun faċli għall-utenti biex iħaddmuha bla riskju li ttir jew tweġġa' lill-utenti jew lil terzi persuni.  
  
Għall-ġugarelli li jaħdmu bl-elettriku u li jintribbu, il-veloċità massima operatorja potenzjali rappreżentattiva ddeterminata mid-disinn tal-ġugarelli għandha tkun limitata biex jitnaqqas ir-riskju ta' korrimment.
8. Il-forma u l-kompożizzjoni tal-proġetti u l-enerġija kinetika li jistgħu jiġġeneraw meta jiġu sparati minn ġugarell iddisinjat għal dak l-iskop għandhom ikunu tali li, meta tqis il-karatteristika tal-ġugarell, ma jkunx hemm riskju ta' korrimment fiżiku għal min jużah jew għal terzi persuni.
9. Il-ġugarelli għandhom jiġu manifatturati b'mod li jiżguraw li:
  - (a) it-temperatura massima u minima ta' xi wiċċ aċċessibbli ma tkunx tikkaġuna korrimment meta jintmess;
  - (b) il-likwidi u l-gassijiet fil-ġugarell ma jkunux jilhqqu temperaturi jew pressjonijiet li jkunu tali li l-ħruġ tagħhom mill-ġugarell, għajr minħabba raġunijiet essenzjali biex il-ġugarell jaħdem sew, jistgħu jikkaġunaw ħruq, tixwit jew korrimment fiżiku ieħor.
10. Il-ġugarelli għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li, mil-lat tal-valuri massimi tal-ħoss tal-impuls u tal-ħoss kontinwu, il-ħoss li joħroġ minnhom ma jagħmilx ħsara lis-smiġħ tat-tfal.
11. Il-ġugarelli tal-attività għandhom jiġu manifatturati b'mod li jonqos kemm jista' jkun ir-riskju ta' tgħaffiġ jew qbid ta' partijiet tal-ġisem jew ta' qbid ta' ħwejjeġ, u r-riskju ta' waqgħa, impatt u għarqa. B'mod partikolari, kull wiċċ ta' ġugarell bħal dan li jkun aċċessibbli għat-tfal biex jilagħbu fuqu għandu jiġi ddisinjat b'mod li jkun jiflaħ il-piż tagħhom.

## Parti II – Fjammabbiltà

1. Il-ġugarelli ma għandhomx ikollhom element perikoluż li jista' jaqbad fl-ambjent tat-tfal. Dawn għandhom ikunu magħmula minn materjali li jissodisfaw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) ma jaqbdux jekk ikunu esposti direttament għal fjamma jew xrara jew għal sors potenzjali ieħor tan-nar;
  - (b) ma jiħdux in-nar faċilment (il-fjamma tintefa' malli l-kawża tan-nar tispiċċa);
  - (c) jekk jieħdu n-nar, jaqbdu bil-mod u jkollhom rata baxxa tat-tifrix tal-fjamma;

- (d) irrispettivament mill-kompożizzjoni kimika tal-ġugarell, dawn jiġu ddisinjati biex il-proċess tal-kombustjoni jiġi ttardjat b'mod mekkaniku.

Il-materjali kombustibbli fil-ġugarell ma għandhomx joħlqu riskju li jkabbdu xi materjal ieħor użat fil-ġugarell.

2. Il-ġugarelli li jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet ta' hawn taħt ma għandux, bħala tali, ikollhom taħlitiet fjamabbli minħabba t-telf ta' xi komponenti volatili mhux fjamabbli:
  - (a) il-ġugarelli li, minħabba raġunijiet essenzjali għall-funzjonament tagħhom, ikollhom sustanzi jew taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji tal-klassifikazzjoni ta' xi waħda mill-klassijiet jew kategoriji tal-periklu li ġejjin stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008:
    - (1) il-klassijiet tal-periklu 2.1 sa 2.4, 2.6 u 2.7, il-klassi tal-periklu 2.8 it-tipi A u B;
    - (2) il-klassijiet tal-periklu 2.9, 2.10 u 2.12, il-klassi tal-periklu 2.13 il-kategoriji 1 u 2;
    - (3) il-klassi tal-periklu 2.14 il-kategoriji 1 u 2, il-klassi tal-periklu 2.15 it-tipi A sa F; il-klassijiet tal-periklu 3.1 sa 3.6, 3.7 effetti negattivi fuq il-funzjoni sesswali u l-fertilità jew fuq l-iżvilupp;
    - (4) effetti tal-klassi tal-periklu 3.8, għajr effetti narkotiċi;
    - (5) il-klassijiet tal-periklu 3.9 u 3.10;
    - (6) il-klassi tal-periklu 4.1;
    - (7) il-klassi tal-periklu 5.1;
  - (b) u l-ġugarelli li jkollhom materjali u tagħmir għal esperimenti tal-kimika, assemblaġġ ta' mudelli, iffurmar tal-plastik jew taċ-ċeramika, kisi bl-enamel, fotografija jew attivitajiet simili.
3. Il-ġugarelli għajr il-percussion caps tal-logħob ma għandhomx ikunu jisplodu jew ikollhom elementi jew sustanzi li jistgħu jisplodu meta jintużaw kif speċifikat fl-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu.
4. Il-ġugarelli, u b'mod partikulari l-logħob u ġugarelli kimiċi, ma għandux ikun fihom sustanzi jew taħlitiet li:
  - (a) meta jitħalltu flimkien, jistgħu jisplodu minħabba reazzjoni kimika jew tisħin;
  - (b) jistgħu jisplodu meta jitħalltu ma' sustanzi ossidanti; jew
  - (c) ikun fihom komponenti volatili li jaqbd u li jistgħu jiffurmu taħlita ta' fwar/arja li taqbad jew tispodi.

### **Parti III – Karatteristiċi kimiċi**

1. Il-ġugarelli għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li ma jkunx hemm riskji ta' effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem minħabba esponiment għal sustanzi jew taħlitiet kimiċi li l-ġugarelli jkunu magħmula minnhom jew li jkun fihom, meta l-ġugarelli jintużaw kif speċifikat fl-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu.

Il-ġugarelli għandhom ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni relatata ma' ċerti kategoriji ta' prodotti jew ma' restrizzjonijiet għal ċerti sustanzi u taħlitiet. Il-ġugarelli jew il-partijiet tagħhom u l-imballaġġ tagħhom li raġonevolment jista' jkun mistenni li jiġu f'kontatt mal-ikel jew li jittrasferixxu l-kostitwenti tagħhom fl-ikel f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew prevedibbli, għandhom jikkonformaw ukoll mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

2. Il-ġugarelli li huma stess huma sustanzi jew taħlitiet għandhom jikkonformaw ukoll mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.
3. Il-ġugarelli għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet speċifiċi għas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-parti A tal-Appendiċi u mar-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fil-parti B tal-Appendiċi.
4. L-użu fil-ġugarelli, il-komponenti tal-ġugarelli jew il-partijiet mikrostrutturalment distinti tal-ġugarelli, ta' sustanzi jew taħlitiet klassifikati fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 f'xi waħda mill-kategoriji li ġejjin hu pprojbit:
  - (a) karċinoġeniċità, mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali jew tossiċità riproduttiva (CMR) tal-kategorija 1A, 1B jew 2;
  - (b) interferenza endokrinali tal-kategorija 1 jew 2;
  - (c) tossiċità speċifika għall-organi fil-mira tal-kategorija 1, f'esponiment ta' darba jew f'esponiment ripetut;
  - (d) sensitizzazzjoni respiratorja tal-kategorija 1.
5. Il-preżenza mhux intenzjonata ta' sustanza jew taħlita msemmija fil-punt 4 li tirriżulta minn impuritajiet ta' ingredjenti naturali jew sintetiċi, jew mill-proċess tal-manifattura u li tkun teknikament inevitabbli fil-prattika tajba tal-manifattura, għandha tkun permessa diment li, minkejja din il-preżenza, il-ġugarelli jibqgħu konformi mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali.
6. B'deroga mill-punt 4, fil-ġugarelli jistgħu jintużaw sustanzi jew taħlitiet ipprojbiti skont dak il-punt jekk ikunu elenkati fil-Parti C tal-Appendiċi, bil-kundizzjonijiet speċifikati fih.
7. Il-punti 4 sa 6 ma għandhomx japplikaw għal:
  - (a) il-materjali konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti għal sustanzi speċifiċi fil-Parti A tal-Appendiċi, fir-rigward ta' dawg is-sustanzi;
  - (b) il-batteriji fil-ġugarelli; jew
  - (c) il-komponenti tal-ġugarelli meħtieġa għall-funzjonijiet elettroniċi jew elettriċi tal-ġugarelli meta s-sustanza jew it-taħlita ma tkun aċċessibbli xejn għat-tfal, inkluż man-nifs.
8. Il-ġugarelli kożmetiċi, bħall-kożmetiċi tal-logħob għall-pupi, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kompożizzjoni u tat-tikkettar stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

#### **Parti IV – Karatteristiċi elettriċi**

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).



1. Il-ġugarelli ma għandhomx jaħdmu bl-elettriku ta' vultaġġ nominali li jaqbeż 1-24 volt tal-kurrent dirett (DC) jew il-vultaġġ ekwivalenti tal-kurrent alternanti (AC), u l-partijiet aċċessibbli tagħhom ma għandhomx jaqbżu 1-24 volt DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti.  
Il-vultaġġi interni ma għandhomx jaqbżu 1-24 volt DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti sakemm ma jkunx żgurat li l-kombinament tal-vultaġġ u tal-kurrent iġġenerat ma jwassalx għal xi riskju għas-saħħa u s-sikurezza jew għal xi xokk elettriku, anke meta l-ġugarell jinkiser.
2. Il-partijiet ta' ġugarelli li jkunu konnessi ma' sors tal-elettriku jew li għandhom iċ-ċans jiġu f'kontatt ma' sors tal-elettriku li kapaċi joħloq xokk, u kull cable jew konduttur ieħor li minnu jgħaddi l-elettriku lejn daww il-partijiet, għandhom ikunu insulati sew u protetti mekkanikament biex iħarsu mir-riskju ta' xokk bħal dan.
3. Il-ġugarelli elettriċi għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li jiżguraw li t-temperaturi massimi possibbli tal-uċuħ aċċessibbli direttament kollha ma jkunux tant li jikkaġunaw ħruq meta jintmessu.
4. F'kundizzjonijiet prevedibbli ta' ħsara, il-ġugarelli għandhom jipprovdu protezzjoni mill-perikli elettriċi li jirriżultaw mis-sors tal-enerġija elettrika.
5. Il-ġugarelli elettriċi għandhom jipprovdu protezzjoni xierqa mir-riskju tan-nar.
6. Il-ġugarelli elettriċi għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li l-kampi elettriċi, manjetiċi u elettromanjetiċi u radjazzjonijiet oħra maħluqa mill-ġugarell ikunu limitati għal kemm meħtieġ biex jitħaddem il-ġugarell, u għandhom jaħdmu b'livell sikur f'konformità mal-aħħar avvanzi teknoloġiċi rikonossuti b'mod ġenerali, u filwaqt li jitqiesu l-miżuri speċifiċi tal-Unjoni.
7. Il-ġugarelli li għandhom sistema tal-kontroll elettronika għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li l-ġugarell jaħdem mingħajr periklu anki meta s-sistema elettronika tibda taħdem ħażin jew tieqaf taħdem minħabba falliment fis-sistema nnifisha jew xi fattur estern.
8. Il-ġugarelli għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li ma jkunu jippreżentaw l-ebda periklu għas-saħħa jew riskju ta' korriment fl-għajnejn jew fil-ġilda b'lasers, b'diodi li jemettu d-dawl (LEDs) jew b'xi tip ieħor ta' radjazzjoni.
9. It-transformer elettriku ta' ġugarell ma għandux ikun parti integrali mill-ġugarell.

## **Parti V – Iġjene**

1. Il-ġugarelli għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li l-iġjene u l-indafa tagħhom ma jkunu jippreżentaw l-ebda riskju ta' infezzjoni, mard jew kontaminazzjoni.
2. Ġugarell maħsub biex jintuża mit-tfal sa 36 xahar għandu jiġi ddisinjat u manifatturat b'mod li jkun jista' jtnaddaf. Ġugarell tad-drapp, għal dan il-għan, għandu jkun jista' jinħasel, ħlief jekk ikun fih mekkaniżmu li jista' jiġrili l-ħsara jekk jinħasel bl-ilma. Il-ġugarell għandu jissodisfa r-rekwiżiti tas-sikurezza anki wara li jkun tnaddaf f'konformità ma' dan il-punt u l-istruzzjonijiet tal-manifattur.
3. Il-ġugarelli b'materjali b'bażi tal-ilma aċċessibbli għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li jkun żgurat li ma jippreżentawx riskju mikrobijoloġiku.

## **Parti VI – Radjuattività**

Il-ġugarelli għandhom jikkonformaw mal-miżuri rilevanti kollha adottati skont il-Kapitolu III tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

## Appendiċi

### **Kundizzjonijiet speċifiċi għall-preżenza ta' ċerti sustanzi jew taħlitiet kimiċi fil-ġugarelli**

#### **Parti A. Sustanzi soġġetti għal limiti speċifiċi**

1. Il-limiti tal-migrazzjoni li ġejjin, minn ġugarelli, komponenti tal-ġugarelli jew partijiet mikrostrutturalment distinti tal-ġugarelli, ma għandhomx jinqabżu:

| <b>Element</b> | <b>mg/kg f' materjal tal-<br/>ġugarelli niexef, fraġli,<br/>flessibbli jew f'għamla<br/>ta' trab</b> | <b>mg/kg f' materjal tal-<br/>ġugarelli likwidu jew<br/>iwaħħal</b> | <b>mg/kg f' materjal<br/>tal-ġugarell li jkun<br/>inbarax minn fuqu</b> |
|----------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------|
| Aluminju       | 2250                                                                                                 | 560                                                                 | 28130                                                                   |
| Antimonju      | 45                                                                                                   | 11,3                                                                | 560                                                                     |
| Arseniku       | 3,8                                                                                                  | 0,9                                                                 | 47                                                                      |
| Barju          | 1 500                                                                                                | 375                                                                 | 18750                                                                   |
| Boron          | 1 200                                                                                                | 300                                                                 | 15 000                                                                  |
| Kadmju         | 1,3                                                                                                  | 0,3                                                                 | 17                                                                      |
| Kromju (III)   | 37,5                                                                                                 | 9,4                                                                 | 460                                                                     |
| Kromju (VI)    | 0,02                                                                                                 | 0,005                                                               | 0,053                                                                   |
| Kobalt         | 10,5                                                                                                 | 2,6                                                                 | 130                                                                     |
| Ram            | 622,5                                                                                                | 156                                                                 | 7 700                                                                   |
| Ċomb           | 2,0                                                                                                  | 0,5                                                                 | 23                                                                      |
| Manganiż       | 1 200                                                                                                | 300                                                                 | 15 000                                                                  |
| Merkurju       | 7,5                                                                                                  | 1,9                                                                 | 94                                                                      |
| Nikil          | 75                                                                                                   | 18,8                                                                | 930                                                                     |
| Selenju        | 37,5                                                                                                 | 9,4                                                                 | 460                                                                     |
| Stronzju       | 4 500                                                                                                | 1 125                                                               | 56 000                                                                  |
| Landa          | 15 000                                                                                               | 3 750                                                               | 180 000                                                                 |
| Landa organika | 0,9                                                                                                  | 0,2                                                                 | 12                                                                      |
| Żingu          | 3 750                                                                                                | 938                                                                 | 46 000                                                                  |

Dawn il-limiti ma għandhomx japplikaw għall-ġugarelli jew il-komponenti tal-ġugarelli jew il-partijiet mikrostrutturalment distinti tal-ġugarelli li, minħabba l-aċċessibbiltà, il-funzjoni, il-volum jew il-massa tagħhom, jeskludu ċarament kull riskju għat-tfal li jsoffuhom, jilagħquhom, jibilgħuhom jew ikollhom kuntatt fit-tul mal-ġilda tagħhom meta jużawhom kif speċifikat fl-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu.

2. In-nitrosammini u s-sustanzi nitrosabbli huma pprojbiti fil-ġugarelli maħsuba biex jintużaw mit-tfal sa 36 xahar jew f'ġugarelli oħra maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq, meta l-migrazzjoni ta' daww is-sustanzi tkun ekwivalenti għal 0,01 mg/kg jew aktar minn hekk għan-nitrosammini u 0,1 mg/kg għas-sustanzi nitrosabbli.
3. Il-limiti li ġejjin fil-ġugarelli jew il-komponenti tal-ġugarelli jew il-partijiet mikrostrutturalment distinti tal-ġugarelli ma għandhomx jinqabżu:

| Sustanza                                                                                                                              | Nru tal-CAS | Limiti u kundizzjonijiet għall-applikazzjoni                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| TCEP                                                                                                                                  | 115-96-8    | 5 mg/kg (limitu tal-kontenut)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| TCPP                                                                                                                                  | 13674-84-5  | 5 mg/kg (limitu tal-kontenut)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| TDCP                                                                                                                                  | 13674-87-8  | 5 mg/kg (limitu tal-kontenut)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| Formammid                                                                                                                             | 75-12-7     | 20 µg/m <sup>3</sup> (limitu tal-emissjoni) wara massimu ta' 28 jum minn meta jibda l-ittestjar tal-emissjonijiet tal-materjali tal-ġugarelli bil-fowm li fihom aktar minn 200 mg/kg (limitu bbażat fuq il-kontenut)                                                                                                                                                                  |
| 1,2-benzisotjażol-3(2H)-on                                                                                                            | 2634-33-5   | 5 mg/kg (limitu tal-kontenut) f' materjali b'bażi tal-ilma għall-ġugarelli, f'konformità mal-metodi stabbiliti f'EN 71-10:2005 u EN 71-11:2005                                                                                                                                                                                                                                        |
| Massa tar-reazzjoni ta': 5-kloro-2-metil-4-isotijażolin-3-on (nru KE 247-500-7) u 2-metil-2H-isotijażol-3-on [nru KE 220-239-6] (3:1) | 55965-84-9  | 1 mg/kg (limitu tal-kontenut) fil-materjali b'bażi tal-ilma għall-ġugarelli                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| 5-Kloro-2-metil-isotijażolin-3(2H)-on                                                                                                 | 26172-55-4  | 0,75 mg/kg (limitu tal-kontenut) f' materjali b'bażi tal-ilma għall-ġugarelli                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| 2-metilisotijażolin-3(2H)-on                                                                                                          | 2682-20-4   | 0,25 mg/kg (limitu tal-kontenut) f' materjali b'bażi tal-ilma għall-ġugarelli                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| Fenol                                                                                                                                 | 108-95-2    | 5 mg/l (limitu tal-migrazzjoni) fil-materjali polimeriċi skont il-metodi stabbiliti f'EN 71-10:2005 u EN 71-11:2005.<br>10 mg/kg (limitu tal-kontenut) bħala preżervattiv skont il-metodi stabbiliti f'EN 71-10:2005 u EN 71-11:2005.                                                                                                                                                 |
| Formaldeid                                                                                                                            | 50-00-0     | 1,5 mg/l (limitu tal-migrazzjoni) fil-materjal polimeriku tal-ġugarelli<br>0,062 mg/m <sup>3</sup> (limitu tal-emissjonijiet) fil-materjal tal-injam tal-ġugarelli<br>30 mg/kg (limitu tal-kontenut) fil-materjal tessili tal-ġugarelli<br>30 mg/kg (limitu tal-kontenut) fil-materjal tal-ġilda tal-ġugarelli<br>30 mg/kg (limitu tal-kontenut) fil-materjal tal-karti tal-ġugarelli |

|         |         |                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
|---------|---------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
|         |         | 10 mg/kg (limitu tal-kontenut) fil-materjal b'bażi ta' ilma tal-ġugarelli                                                                                                                                                                                                                                  |
| Anilina | 62-53-3 | 30 mg/kg (limitu tal-kontenut) wara qasma riduttiva fil-materjal tal-ġugarelli tessili u fil-materjal tal-ġugarelli tal-ġilda<br>10 mg/kg (limitu tal-kontenut) bħala anilina libera fiż-żebgħa applikata bis-swaba'<br>30 mg/kg (limitu tal-kontenut) wara qasma riduttiv fiż-żebgħa applikata bis-swaba' |

4. Il-ġugarelli ma għandux ikollhom l-allerġeni tal-fwejjaħ li ġejjin sakemm il-preżenza tagħhom fil-ġugarell ma tkunx teknikament inevitabbli fil-prattika tajba tal-manifattura u ma taqbiżx 100 mg/kg:

| Nru  | Isem il-fwieħa allerġenika                    | Numru tal-CAS |
|------|-----------------------------------------------|---------------|
| (1)  | Żejt tal-Alanroot (Inula helenium)            | 97676-35-2    |
| (2)  | Allilisotijoċjanat                            | 57-06-7       |
| (3)  | Ċjanur tal-benżil                             | 140-29-4      |
| (4)  | 4-terz-Butilfenol                             | 98-54-4       |
| (5)  | Żejt tal-Chenopodium                          | 8006-99-3     |
| (6)  | Alkoħol taċ-Ĉiklamina                         | 4756-19-8     |
| (7)  | Dietilmaleat                                  | 141-05-9      |
| (8)  | Diidrokumarina                                | 119-84-6      |
| (9)  | 2,4-Diidrossi-3-metilbenzaldehyd              | 6248-20-0     |
| (10) | 3,7-Dimetil-2-otten-1-ol (6,7-Diidroġeranjol) | 40607-48-5    |
| (11) | 4,6-Dimetil-8-tert-butilkumarina              | 17874-34-9    |
| (12) | Ĉitrakonit tad-dimetil                        | 617-54-9      |
| (13) | 7,11-Dimetil-4,6,10-dodekatrin-3-on           | 26651-96-7    |
| (14) | 6,10-Dimetil-3,5,9-undekatin-2-on             | 141-10-6      |
| (15) | Difenilammina                                 | 122-39-4      |
| (16) | Akrlat tal-etil                               | 140-88-5      |
| (17) | Weraq tat-tin, frisk u preparazzjonijiet      | 68916-52-9    |
| (18) | trans-2-Ettenal                               | 18829-55-5    |
| (19) | Aċetal tad-dietil trans-2-eżenal              | 67746-30-9    |
| (20) | Aċetal tad-dimetil trans-2-esenal             | 18318-83-7    |
| (21) | Alkoħol idroabietiliku                        | 13393-93-6    |
| (22) | 4-Etossi-fenol                                | 622-62-8      |
| (23) | 6-Isopropil-2-delaidronaftalenol              | 34131-99-2    |
| (24) | 7-Metossikumarina                             | 531-59-9      |
| (25) | 4-Metossifenol                                | 150-76-5      |
| (26) | 4-(p-Metossifenil)-3-buten-2-on               | 943-88-4      |

|      |                                                                                    |            |
|------|------------------------------------------------------------------------------------|------------|
| (27) | 1-(p-Metossifenil)-1-penten-3-on                                                   | 104-27-8   |
| (28) | Metil trans-2-butenat                                                              | 623-43-8   |
| (29) | 6-Metilkoumarin                                                                    | 92-48-8    |
| (30) | 7-Metilkoumarin                                                                    | 2445-83-2  |
| (31) | 5-Metil-2,3-esanedjon                                                              | 13706-86-0 |
| (32) | Żejt tal-għeruq tal-Costus (Saussurea lappa Clarke)                                | 8023-88-9  |
| (33) | 7-Etossi-4-metilkoumarina                                                          | 87-05-8    |
| (34) | Eżaidrokoumarina                                                                   | 700-82-3   |
| (35) | Balsam tal-Perù, mhux raffinat (Tnixxija ta' Miroksilon pereirae (Royle) Klotzsch) | 8007-00-9  |
| (36) | 2-Pentiliden-ċikloeżanon                                                           | 25677-40-1 |
| (37) | 3,6,10-Trimetil-3,5,9-undecatrien-2-on                                             | 1117-41-5  |
| (38) | Żejt tal-Verbena (Lippia citriodora Kunth)                                         | 8024-12-2  |
| (39) | Ambretta tal-misk (4-terz-Butil-3-metossi-2,6-dinitrotoluwen)                      | 83-66-9    |
| (40) | 4-Fenil-3-buten-2-on                                                               | 122-57-6   |
| (41) | Amilċinnamal                                                                       | 122-40-7   |
| (42) | Alkoħol amilċinnamili                                                              | 101-85-9   |
| (43) | Alkoħol benziliku                                                                  | 100-51-6   |
| (44) | Saliċilat benziliku                                                                | 118-58-1   |
| (45) | Alkoħol ċinnamili                                                                  | 104-54-1   |
| (46) | Ċinnamal                                                                           | 104-55-2   |
| (47) | Ċitral                                                                             | 5392-40-5  |
| (48) | Koumarin                                                                           | 91-64-5    |
| (49) | Ewġenol                                                                            | 97-53-0    |
| (50) | Ġeranjol                                                                           | 106-24-1   |
| (51) | Idrossi-ċitronellal                                                                | 107-75-5   |
| (52) | Idrossi-metilpentilċikloeksenekarbossaldeid                                        | 31906-04-4 |
| (53) | Isoewġenol                                                                         | 97-54-1    |
| (54) | Estratti tal-Oakmoss                                                               | 90028-68-5 |
| (55) | Estratti tat-Treemoss                                                              | 90028-67-4 |
| (56) | Atranol (2,6-Diidrossi-4-metil-benzaldeid)                                         | 526-37-4   |
| (57) | Kloroatranol (3-Kloro-2,6-Diidrossi-4-metil-benzaldeid)                            | 57074-21-2 |
| (58) | Metil eptin karbonat                                                               | 111-12-6   |

## Parti B. Sustanzi soġġetti għal rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi

1. L-ismijiet tal-allerġeni tal-fwejjaħ li ġejjin għandhom jiġu elenkati fuq il-ġugarell, fuq tikketta mwaħħla, fuq l-imballaġġ jew f'fuljett meħmuż, kif ukoll fil-passaport tal-prodott, jekk daww l-allerġeni jidiedu ma' ġugarell, meta jkunu preżenti fil-ġugarell jew f'xi komponent tiegħu b'konċentrazzjonijiet li jaqbu l-100 mg/kg:

| Nru  | Isem il-fwieħa allerġenika                                 | Numru tal-CAS                  |
|------|------------------------------------------------------------|--------------------------------|
| (1)  | Alkoħol anisil                                             | 105-13-5                       |
| (2)  | Benzilbenzoat                                              | 120-51-4                       |
| (3)  | Benzilcinnamat                                             | 103-41-3                       |
| (4)  | Ċitronellol                                                | 106-22-9; 1117-61-9; 7540-51-4 |
| (5)  | Farnesol                                                   | 4602-84-0                      |
| (6)  | Ezilcinnamaldehyd                                          | 101-86-0                       |
| (7)  | Lilial                                                     | 80-54-6                        |
| (8)  | d-Limonen                                                  | 5989-27-5                      |
| (9)  | Linalool                                                   | 78-70-6                        |
| (10) | 3-metil-4-(2,6,6-trimetil-2-ċikloheksen-1-il)-3-buten-2-on | 127-51-5                       |
| (11) | Aċetilċedren                                               | 32388-55-9                     |
| (12) | Saliċilat tal-amil                                         | 2050-08-0                      |
| (13) | trans-Anetolu                                              | 4180-23-8                      |
| (14) | Benzaldeid                                                 | 100-52-7                       |
| (15) | Gamfra                                                     | 76-22-2; 464-49-3              |
| (16) | Karvone                                                    | 99-49-0; 6485-40-1; 2244-16-8  |
| (17) | beta-Karjofillen (ossidu)                                  | 87-44-5                        |
| (18) | Keton-4 tal-ward (Damaskenon)                              | 23696-85-7                     |
| (19) | alfa-Damaskon (TMCHB)                                      | 43052-87-5; 23726-94-5         |
| (20) | ċis-beta-Damaskon                                          | 23726-92-3                     |
| (21) | delta-Damaskon                                             | 57378-68-4                     |
| (22) | Aċetat tad-dimetilbenżil karbinil (DMBCA)                  | 151-05-3                       |
| (23) | Ežadekanolakton                                            | 109-29-5                       |
| (24) | Ežametilindanopiran                                        | 1222-05-5                      |
| (25) | (DL)-Limonen                                               | 138-86-3                       |
| (26) | Aċetat tal-linail                                          | 115-95-7                       |
| (27) | Mentol                                                     | 1490-04-6; 89-78-1; 2216-51-5  |
| (28) | Saliċilat tal-metil                                        | 119-36-8                       |
| (29) | 3-Metil-5-(2,2,3-trimetil-3-ċiklopentil)pent-4-en-2-ol     | 67801-20-1                     |
| (30) | alfa-Pinen                                                 | 80-56-8                        |
| (31) | beta-Pinen                                                 | 127-91-3                       |
| (32) | Ftalid tal-propiliden                                      | 17369-59-4                     |
| (33) | Salicilaldeid                                              | 90-02-8                        |

|      |                                                                                    |                                                |
|------|------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------|
| (34) | alfa-Santalol                                                                      | 115-71-9                                       |
| (35) | beta-Santalol                                                                      | 77-42-9                                        |
| (36) | Sklareol                                                                           | 515-03-7                                       |
| (37) | alfa-Terpineol                                                                     | 10482-56-1; 98-55-5                            |
| (38) | Terpineol (taħlita ta' isomeri)                                                    | 8000-41-7                                      |
| (39) | Terpinolen                                                                         | 586-62-9                                       |
| (40) | Aċetilktaidronaftaleni tat-tetrametil                                              | 54464-57-2; 54464-59-4; 68155-66-8; 68155-67-9 |
| (41) | Trimetilbenzenpropanol (Majantol)                                                  | 103694-68-4                                    |
| (42) | Vanillina                                                                          | 121-33-5                                       |
| (43) | Cananga odorata u żejt tal-ylang-ylang                                             | 83863-30-3; 8006-81-3                          |
| (44) | Żejt tal-qoxra tas-siġra taċ- <i>Cedrus atlantica</i>                              | 92201-55-3; 8000-27-9                          |
| (45) | Żejt tal-weraq tas- <i>Cinnamomum casia</i>                                        | 8007-80-5                                      |
| (46) | Żejt tal-qoxra tas-siġra tas- <i>Cinnamomum zeylanicum</i>                         | 84649-98-9                                     |
| (47) | Żejt tal-fjuri taċ- <i>Citrus aurantium amara</i>                                  | 8016-38-4                                      |
| (48) | Żejt tal-qxur tal-frott taċ- <i>Citrus aurantium amara</i>                         | 72968-50-4                                     |
| (49) | Żejt tal-qxur tal-frott taċ- <i>Citrus bergamia espress</i>                        | 89957-91-5                                     |
| (50) | Żejt tal-qxur tal-frott taċ- <i>Citrus limonum</i>                                 | 84929-31-7                                     |
| (51) | Żejt tal-qxur espress taċ- <i>Citrus sinensis</i> (syn.: <i>Aurantium dulcis</i> ) | 97766-30-8; 8028-48-6                          |
| (52) | Żjut taċ- <i>Cymbopogon citratus</i> / <i>schoenanthus</i>                         | 89998-14-1; 8007-02-01; 89998-16-3             |
| (53) | Żejt tal-weraq tal-ispeċijiet <i>Eucalyptus</i>                                    | 92502-70-0; 8000-48-4                          |
| (54) | Żejt tal-weraq / tal-fjuri tal- <i>Eugenia caryophyllus</i>                        | 8000-34-8                                      |
| (55) | <i>Jasminum grandiflorum</i> / <i>officinale</i>                                   | 84776-64-7; 90045-94-6; 8022-96-6              |
| (56) | <i>Juniperus virginiana</i>                                                        | 8000-27-9; 85085-41-2                          |
| (57) | Żejt tal-frott tal- <i>Laurus nobilis</i>                                          | 8007-48-5                                      |
| (58) | Żejt tal-weraq tal- <i>Laurus nobilis</i>                                          | 8002-41-3                                      |
| (59) | Żejt taż-żerriegħa tal- <i>Laurus nobilis</i>                                      | 84603-73-6                                     |
| (60) | <i>Lavandula hybrida</i>                                                           | 91722-69-9                                     |
| (61) | <i>Lavandula officinalis</i>                                                       | 84776-65-8                                     |
| (62) | <i>Mentha piperita</i>                                                             | 8006-90-4; 84082-70-2                          |
| (63) | <i>Mentha spicata</i>                                                              | 84696-51-5                                     |
| (64) | <i>Narcissus</i> spp.                                                              | diversi                                        |



|      |                                             |                                 |
|------|---------------------------------------------|---------------------------------|
| (65) | <i>Pelargonium graveolens</i>               | 90082-51-2; 8000-46-2           |
| (66) | <i>Pinus mugo</i>                           | 90082-72-7                      |
| (67) | <i>Pinus pumila</i>                         | 97676-05-6                      |
| (68) | <i>Pogostemon cablin</i>                    | 8014-09-03; 84238-39-1          |
| (69) | Żejt tal-fjuri tal-ward ( <i>Rosa</i> spp.) | Diversi                         |
| (70) | <i>Santalum album</i>                       | 84787-70-2; 8006-87-9           |
| (71) | Trementina (żejt)                           | 8006-64-2; 9005-90-7; 8052-14-0 |

2. L-użu tal-fwejjaħ imsemmija fil-entrati 41 sa 55 fit-tabella fil-Parti A, il-punt 4, u tal-fwejjaħ imsemmija fil-punti 1 sa 10 fit-tabella fil-punt 1 ta' din il-Parti għandu jkun permess fil-logħbiet fuq bord relatati max-xamm, f'kitts kożmetiċi u f'logħbiet relatati mat-tegħim, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fwejjaħ jiġu ttikkettati b'mod ċar fuq l-imballaġġ tal-ġugarelli, u l-imballaġġ ikollu t-twissija msemmija fil-punt 11, tal-Anness III;
- (b) meta applikabbli, il-prodotti riżultanti li jagħmlu t-tfal skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur ikunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 1223/2009; u
- (c) meta applikabbli, il-fwejjaħ ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-ikel.

Dawk il-logħbiet fuq bord relatati max-xamm, il-kitts kożmetiċi u l-logħbiet relatati mat-tegħim ma għandhomx jintużaw mit-tfal li m'għandhomx 36 xahar u għandhom jikkonformaw mal-punt 2 tal-Anness III.

**Parti C. L-użi permessi tas-sustanzi soġġetti għal projbizzjonijiet ġeneriċi skont il-Parti III, il-punt 4, tal-Anness II**

| Sustanza | Klassifikazzjoni | Użu permess                                                                                                                                                |
|----------|------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Nikil    | Karè 2           | Fil-ġugarelli u l-komponenti tal-ġugarelli magħmula mill-azzar inossidabbli.<br><br>Fil-komponenti tal-ġugarelli maħsuba biex iwasslu l-kurrent elettriku. |

### ANNEX III

## **TWISSIJET U INDIKAZZJONIJIET TA' PREKAWZJONIJIET LI JRIDU JITTIEĦDU META JINTUŻAW ĊERTI KATEGORIJI TA' ĠUGARELLI**

### **1. Regoli ġenerali – preżentazzjoni**

It-twissijiet kollha għandhom jibdw bil-kelma “Twissija” jew b’pittogramma ġenerika bħal dawn li ġejjin:



### **2. Ġugarelli mhux maħsuba għall-użu mit-tfal sa 36 xahar**

Il-ġugarelli li jistgħu jkunu perikolużi għal tfal sa 36 xahar għandu jkollhom twissija bħal: “Mhux adattat għat-tfal sa 36 xahar” jew “Mhux adattat għat-tfal sa tliet snin” jew twissija fil-forma tal-pittogramma li ġejja:



Ma’ dawn it-twissijiet għandha tingħata indikazzjoni qasira li tista’ tidher fl-istruzzjonijiet tal-użu, dwar il-periklu speċifiku li qed jeżiġi din il-prekawzjoni.

Dan il-punt ma għandux japplika għal ġugarelli li ċarament, minħabba l-funzjoni, id-dimensjonijiet, il-karatteristiċi jew il-kwalitajiet tagħhom, jew minħabba raġunijiet validi oħra, ma jkunux tajbin għat-tfal sa 36 xahar.

### **3. Ġugarelli tal-attività**

Il-ġugarelli tal-attività għandu jkollhom it-twissija li ġejja:

“Għal użu domestiku biss”.

Mal-ġugarelli tal-attività marbuta ma’ travu trażversali, u ma’ ġugarelli oħra tal-attività, meta xieraq, għandhom jingħataw struzzjonijiet li jiġbdu l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jsiru spezzjonijiet u manutenzjoni regolati tal-partijiet ewlenin (il-molol, ir-rabtiet, l-ankri, eċċ.) b’ċerti intervalli, u li jindikaw li l-ġugarell jista’ jikkawża waqgħa jew jinqaleb jekk dawn il-kontrolli ma jsirux.

L-istruzzjonijiet għandhom jingħataw ukoll biex il-ġugarell jintrama sew, u jkunu jindikaw daww il-partijiet li jistgħu jkunu ta' periklu jekk jitwāħħlu ħāzin. Għandha tingħata informazzjoni speċifika dwar il-wieċ xieraq li fuqu għandu jitqiegħed il-ġugarell.

#### **4. Ġugarelli funzjonali**

Il-ġugarelli funzjonali għandu jkollhom it-twissija li ġejja:

“Għandu jintuża biss bis-superviżjoni diretta ta' adult”.

Barra minn hekk, il-ġugarelli funzjonali għandu jkollhom struzzjonijiet li jispjegaw kif jaħdem u l-prekawzjonijiet li għandu jieħu l-utent, bit-twissija li jekk ma jiġux segwiti dawn l-istruzzjonijiet jew ma jittiħdux prekawzjonijiet bħal dawn, l-utent ikun espost għall-perikli normalment assoċjati mal-apparat jew mal-prodott li tiegħu l-ġugarell ikun mudell fuq skala jew imitazzjoni. Daww il-perikli għandhom jiġu speċifikati fit-twissija. Għandu jkun indikat ukoll li l-ġugarell għandu jinżamm 'il bogħod mit-tfal sa ċerta età, u dik l-età għandha tiġi speċifikata mill-manifattur.

#### **5. Ġugarelli kimiċi**

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar il-klassifikazzjoni, l-ippakkjar u t-tikkettar ta' ċerti sustanzi jew taħlitiet, l-istruzzjonijiet dwar l-użu tal-ġugarelli li fihom sustanzi jew taħlitiet li jkunu intrinsikament perikolużi għandu jkollhom twissija dwar in-natura perikoluża ta' daww is-sustanzi jew it-taħlitiet u indikazzjoni tal-prekawzjonijiet li jrid jieħu l-utent biex jevita l-perikli marbuta magħhom. Dawn il-prekawzjonijiet għandhom jiġu speċifikati b'mod konċiż u jkunu relatati mat-tip ta' ġugarell. Trid tissemma wkoll l-ewwel għajnuna li trid tingħata jekk jinqalgħu inċidenti serji waqt l-użu tat-tip rilevanti ta' ġugarell. Għandu jkun indikat ukoll li l-ġugarell irid jinżamm 'il bogħod mit-tfal sa ċerta età, u din l-età għandha tiġi speċifikata mill-manifattur.

Minbarra l-istruzzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-ġugarelli kimiċi għandu juru t-twissija li ġejja fuq l-imballaġġ tagħhom:

“Mhux adattat għat-tfal sa...<sup>2</sup> snin. Għandu jintuża biss-superviżjoni ta' adult”.

#### **6. Skates, roller skates, inline skates, skateboards, skuters u roti tal-logħob għat-tfal**

Meta skates, roller skates, inline skates, skateboards, skuters u roti tal-logħob jiġu offruti għall-bejgħ bħala ġugarelli, dawn għandhom juru t-twissija li ġejja:

“Għandu jintlibes tagħmir protettiv. Ma għandux jintuża fit-traffiku”.

L-istruzzjonijiet għall-użu għandhom ifakkru li l-ġugarell għandu jintuża bil-kawtela, għax jeħtieġ ħila kbira, biex ikunu evitati waqgħat jew ħabtiet li jikkawunaw wegħat lill-utent jew lil terzi persuni. Għandhom jingħataw ukoll indikazzjonijiet dwar it-tagħmir protettiv rakkomandat (elmi, ingwanti, pads għall-irkopptejn, pads għal minkbejn, eċċ.).

---

<sup>2</sup> L-età trid tiġi speċifikata mill-manifattur.

## **7. Ġugarelli tal-ilma**

Il-ġugarelli tal-ilma għandu jkollhom it-twissija li ġejja:

“Biex jintuża biss f’ ilma li jlaħħaq lit-tifel/tifla u bis-superviżjoni ta’ adult”.

## **8. Ġugarelli fl-ikel**

Il-ġugarelli li jkunu fl-ikel jew imħallta mal-ikel għandhom juru t-twissija li ġejja:

“Ġewwa hemm ġugarell. Hi rakkomandata s-superviżjoni ta’ adult”.

## **9. Imitazzjonijiet ta’ maskri u elmi protettivi**

Meta jiġu offruti imitazzjonijiet ta’ maskri u elmi protettivi għall-bejgħ bħala ġugarelli, dawn għandhom juru t-twissija li ġejja:

“Dan il-ġugarell ma jagħtix protezzjoni”.

## **10. Ġugarelli maħsuba biex jiddendlu min-naħa għall-oħra ta’ benniena, kott jew pram bi spag, ħbula, lastiku jew ċineg**

Il-ġugarelli maħsuba biex jiddendlu min-naħa għall-oħra ta’ benniena, kott jew pram bi spag, ħbula, lastiku jew ċineg, għandhom juru t-twissija li ġejja fuq l-imballaġġ tal-ġugarell u din għandha tiġi mmarkata b’mod permanenti fuq il-ġugarell:

“Biex tevita korrimment minħabba tgħaqqid, dan il-ġugarell jeħtieġ li ma jibqax jintuża meta t-tifel jibda jipprova jitla’ fuq idejh u fuq irkopptejh imbè”.

## **11. Imballaġġ għall-fwejjaħ fil-logħob fuq bord relatat max-xamm, fil-kitts kożmetiċi u fil-logħbiet relatat mat-tegħim**

L-imballaġġ għall-fwejjaħ fil-logħob fuq bord relatat max-xamm, fil-kitts kożmetiċi u fil-logħbiet relatat mat-tegħim li fihom fwejjaħ imsemmija fl-entrati 41 sa 55 fit-tabella fil-Parti A, il-punt 4, tal-Appendiċi tal-Anness II, u fwejjaħ imsemmija fl-entrati 1 sa 10 fit-tabella fil-Parti B, il-punt 1, ta’ dak l-Appendiċi għandu juri t-twissija li ġejja:

“Fih fwejjaħ li jistgħu jikkawżaw allerġiji”.

## **ANNEX IV**

### **PROĊEDURI TA' VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ**

#### **Parti I – Modulu A: Kontroll intern tal-produzzjoni**

1. Il-kontroll intern tal-produzzjoni hu l-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità li biha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3, u 4, u jiżgura u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tal-manifattur li l-ġugarell jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
2. Dokumentazzjoni teknika  
Il-manifattur għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika. Id-dokumentazzjoni tal-prodott għandha tippermetti li ssir valutazzjoni tal-konformità tiegħu mar-rekwiżiti rilevanti, u għandha tinkludi analiżi u valutazzjoni adegwati tar-riskju/i. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli u tkopri, sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn, il-manifattura u t-tħaddim tal-ġugarell. Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Anness V.
3. Manifattura  
Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex il-proċess tal-manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tal-prodotti manifatturati mad-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 2 u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
4. Il-markatura CE u l-passaport tal-prodotti
  - 4.1. Il-manifattur għandu jwaħħal il-markatura CE ma' kull ġugarell individwali li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament.
  - 4.2. Il-manifattur għandu jfassal il-passaport tal-prodotti għal mudell ta' ġugarell u jiżgura li flimkien mad-dokumentazzjoni teknika, dan jibqa' disponibbli għal 10 snin minn meta l-prodott jitqiegħed fis-suq. Il-passaport tal-prodotti għandu jidentifika l-ġugarell li għalih ikun tfassal.
5. Rappreżentant awtorizzat  
L-obbligi tal-manifattur stabbiliti fil-punt 4 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, f'isem il-manifattur u bir-responsabbiltà tal-manifattur, diment li dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

#### **Parti II – Modulu B: Eżami tat-tip tal-UE**

1. L-eżami tat-tip tal-UE hu l-parti ta' proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità li matulha korp notifikat jeżamina d-disinn tekniku ta' ġugarell u jivverifika u jixhed li d-disinn tekniku tal-ġugarell jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
2. L-eżami tat-tip tal-UE jista' jsir b'wieħed mill-modi li ġejjin:
  - (a) eżamimar ta' kampjun rappreżentattiv tal-produzzjoni prevista tal-ġugarell komplut (tip tal-produzzjoni),
  - (b) valutazzjoni tal-adegwatezza tad-disinn tekniku tal-ġugarell b'eżaminar tad-dokumentazzjoni teknika u tal-evidenza ta' sostenn imsemmija fil-punt 3, flimkien ma' eżaminar ta' kampjuni rappreżentattivi tal-produzzjoni prevista

- ta' parti kritika waħda jew aktar tal-ġugarell (kombinament tat-tip tal-produzzjoni u tat-tip tad-disinn),
- (c) valutazzjoni tal-adeqwatezza tad-disinn tekniku tal-ġugarell b'eżaminar tad-dokumentazzjoni teknika u tal-evidenza ta' sostenn imsemmija fil-punt 3, mingħajr eżaminar ta' kampjun (tip tad-disinn).
3. Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni għal eżami tat-tip tal-UE lil korp notifikat wieħed magħżul mill-manifattur.
- L-applikazzjoni għandha tinkludi:
- (a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz ta' dak ir-rappreżentant;
  - (b) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġiet ippreżentata lill-ebda korp notifikat ieħor;
  - (c) id-dokumentazzjoni teknika, li trid tippermetti valutazzjoni tal-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament u trid tinkludi analiżi u valutazzjoni adegwati tar-riskju/i, inkluż il-valutazzjoni tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 21; speċifikazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli u tkopri, sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn, il-manifattura u t-tħaddim tal-ġugarell; u għandu jkun fiha mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Anness V;
  - (d) il-kampjuni rappreżentattivi tal-produzzjoni prevista. Il-korp notifikat jista' jitlob aktar kampjuni jekk ikunu meħtieġa għat-twettiq tal-programm tat-test,
  - (e) l-evidenza ta' sostenn għall-adeqwatezza tas-soluzzjoni tad-disinn tekniku; trid issemmi kull dokument użat, b'mod partikolari meta l-istandards armonizzati u/jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti ma jkunux ġew applikati għalkollox; u meta meħtieġ, għandha tinkludi r-risultati tat-testijiet imwettqa mil-laboratorju adegwat tal-manifattur, jew minn laboratorju tal-ittestjar ieħor f'isem il-manifattur u bir-responsabbiltà tal-manifattur.
4. Il-korp notifikat għandu:
- Għall-ġugarell:
- 4.1. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika u l-evidenza ta' sostenn biex jevalwa l-adeqwatezza tad-disinn tekniku tiegħu;
- Għall-kampjun:
- 4.2. jivverifika li l-kampjun ġie manifatturat f'konformità mad-dokumentazzjoni teknika, u jidentifika l-elementi li ġew iddisinjati f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istandards armonizzati rilevanti u/jew tal-ispeċifikazzjonijiet komuni, kif ukoll l-elementi li ġew iddisinjati mingħajr l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk l-istandards;
- 4.3. jagħmel eżamijiet u testijiet xierqa, jew iqabbad lil min jagħmilhom, biex jivverifika jekk, meta l-manifattur għażel li japplika s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati rilevanti u/jew fl-ispeċifikazzjonijiet komuni, dawn ġewx applikati sew;
- 4.4. jagħmel eżamijiet u testijiet xierqa, jew iqabbad lil min jagħmilhom, biex jivverifika jekk, meta fl-istandards armonizzati rilevanti u/jew fl-ispeċifikazzjonijiet komuni jkunu ġew applikati s-soluzzjonijiet, dawn is-soluzzjonijiet adottati mill-manifattur jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali korrispondenti tal-istrument leġislativ;
- 4.5. jiftiehem mal-manifattur dwar post fejn se jsiru l-eżamijiet u t-testijiet.

5. Il-korp notifikat għandu jħejji rapport tal-evalwazzjoni li jirreġistra l-attivitajiet li jkunu saru f'konformità mal-punt 4, u r-risultati tagħhom. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tiegħu fir-rigward tal-awtoritajiet notifikanti, il-korp notifikat għandu jgħoddi l-kontenut tar-rapport, kollu kemm hu jew parzjalment, biss bil-qbil tal-manifattur.

6. Meta t-tip ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-korp notifikat għandu jgħoddi ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE lill-manifattur. Iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE għandu jinkludi referenza għal dan ir-Regolament, stampa bil-kulur, deskrizzjoni ċara tal-ġugarell, inkluż id-dimensjonijiet tiegħu, u lista tat-testijiet imwettqa, flimkien ma' referenza għar-rapport tat-test rilevanti. Iċ-ċertifikat għandu jkun fih l-isem u l-indirizz tal-manifattur, indikazzjoni tal-post tal-manifattura, il-konklużjonijiet tal-eżami, il-kundizzjonijiet (jekk ikun hemm) għall-validità tiegħu u d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat. Maċ-ċertifikat jistgħu jnneħże annessi.

Iċ-ċertifikat u l-annessi tiegħu għandu jkun fihom l-informazzjoni rilevanti kollha biex tkun tista' tiġi evalwata l-konformità tal-prodotti manifatturati mat-tip eżaminat u biex ikun jista' jsir il-kontroll waqt is-servizz.

Meta t-tip ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, il-korp notifikat għandu jirrifjuta li jgħoddi ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u għandu jinforma lill-applikant b'dan u jagħtih raġunijiet dettaljati għar-rifjut tiegħu.

7. Il-korp notifikat għandu jżomm ruħu aġġornat dwar kull bidla fit-teknoloġija avvanzata rikonossuta b'mod ġenerali li tkun tindika li t-tip approvat jaf ma jkunx għadu konformi ma' dan ir-Regolament, u għandu jiddetermina jekk dawn il-bidliet ikunx jeħtieġu investigazzjoni addizzjonali. Jekk ikun il-każ, il-korp notifikat għandu jinforma lill-manifattur b'dan.

Il-manifattur għandu jinforma lill-korp notifikat li għandu d-dokumentazzjoni teknika relatata maċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, bil-modifiki kollha għat-tip approvat li jistgħu jaffettwaw il-konformità tal-ġugarell mar-rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament jew mal-kundizzjonijiet għall-validità taċ-ċertifikat. Dawn il-modifiki għandhom ikunu jeżiġu approvazzjoni addizzjonali fil-forma ta' żieda għaċ-ċertifikat tal-eżami oriġinali tat-tip tal-UE.

8. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtoritajiet notifikanti tiegħu dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u/jew kull żieda magħhom li jkun ħareġ jew irtira, u perjodikament jew meta jintalab għandu jkiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet notifikanti tiegħu, il-lista taċ-ċertifikati u/jew kull żieda magħhom li jkunu ġew rifjutati, sospiżi jew ristretti b'xi mod ieħor.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-korpi notifikati l-oħra dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u/jew kull żieda magħhom li jkun irrifjuta, irtira, issospenda jew illimita b'xi mod ieħor u, meta jintalab, dwar iċ-ċertifikati u/jew kull żieda magħhom li jkun ħareġ.

L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-korpi notifikati l-oħra jistgħu, meta jitolbu dan, jiksibu kopja taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u/jew kull żieda magħhom. Meta jitolbu dan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jiksibu kopja tad-dokumentazzjoni teknika u r-risultati tal-eżamijiet li jkun għamel il-korp notifikat. Il-korp notifikat għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, tal-annessi u taż-żidiet tiegħu, kif ukoll tal-fajl tekniku, inkluż id-dokumentazzjoni mressqa mill-manifattur, sal-iskadenza tal-validità taċ-ċertifikat.

9. Il-manifattur għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, tal-annessi u taż-żidiet miegħu, kif ukoll tad-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal għaxar (10) snin minn meta l-ġugarell jitqiegħed fis-suq.
10. Ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur jista' jippreżenta l-applikazzjoni msemmija fil-punt 3 u jissodisfa l-obbligi msemmija fil-punti 7 u 9, diment li dawn ikunu ġew speċifikati fil-mandat.

## **Parti II – Konformità skont it-tip abbażi tal-kontroll intern tal-produzzjoni**

1. Il-konformità mat-tip abbażi tal-kontroll intern tal-produzzjoni hi dik il-parti tal-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità li biha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2 u 3, u jiżgura u jiddikjara li l-prodotti kkonċernati jkunu konformi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istrument leġiżlattiv applikabbli għalihom.
2. Manifattura  
Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex il-proċess tal-manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tal-prodotti manifatturati mat-tip approvat, kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, u mar-rekwiżiti tal-istrument leġiżlattiv applikabbli għalihom.
3. Il-markatura CE u l-passaport tal-prodotti
  - 3.1. Il-manifattur għandu jwaħħal il-markatura CE ma' kull prodott individwali li jikkonforma mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-istrument leġiżlattiv.
  - 3.2. Il-manifattur għandu joħloq passaport tal-prodotti għal mudell ta' ġugarell u jiżgura li jibqa' disponibbli għal għaxar (10) snin minn meta l-prodott jitqiegħed fis-suq. Il-passaport tal-prodotti għandu jidentifika l-ġugarell li għalih ikun tfassal.
4. Rappreżentant awtorizzat  
L-obbligi tal-manifattur stabbiliti fil-punt 3 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, f'isem il-manifattur u bir-responsabbiltà tal-manifattur, diment li dawn ikunu ġew speċifikati fil-mandat.



## ANNEX V

### **ELEMENTI LI JRIDU JIDDAĦĦLU FID-DOKUMENTAZZJONI TEKNIKA**

(kif imsemmi fl-Artikolu 23)

- (1) Deskrizzjoni dettaljata tad-disinn u tal-manifattura, inkluż lista tal-komponenti u tal-materjali użati fil-ġugarell kif ukoll id-dokumenti tad-*data* dwar is-sikurezza tas-sustanzi u tat-taħlitiet użati, li jridu jinkisbu mingħand il-fornituri tal-kimiċi;
- (2) L-evalwazzjoni(jiet) tas-sikurezza mwettqa f'konformità mal-Artikolu 21;
- (3) Deskrizzjoni tal-proċedura tal-evalwazzjoni tal-konformità segwita;
- (4) L-indirizzi tal-postijiet tal-manifattura u tal-ħżin;
- (5) Kopji tad-dokumenti li l-manifattur ikun ippreżenta lil xi korp notifikat,
- (6) Rapporti tat-testijiet u deskrizzjoni tal-mezzi li bihom il-manifattur ikun żgura l-konformità tal-produzzjoni mal-istandards armonizzati, jekk il-manifattur mexa mal-proċedura tal-kontroll intern tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 22(2); u
- (7) kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, deskrizzjoni tal-mezzi li bihom il-manifattur ikun żgura l-konformità tal-produzzjoni mat-tip tal-prodott kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, u kopji tad-dokumenti li l-manifattur ikun baġhat lill-korp notifikat, jekk il-manifattur issottometta l-ġugarell għal eżami tat-tip tal-UE u mexa mal-proċedura tal-konformità tat-tip imsemmija fl-Artikolu 22(3).

## **ANNESS VI**

### **PASSAPORT TAL-PRODOTTI**

#### **Parti I – Informazzjoni li trid tiddaħħal fil-passaport tal-prodotti**

- (a) identifikatur uniku tal-prodott tal-ġugarell;
- (b) l-isem u l-indirizz tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, kif ukoll l-identifikatur uniku tal-operatur;
- (c) l-isem u l-indirizz tal-operatur ekonomiku responsabbli għat-twettiq tal-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020, kif ukoll l-identifikatur uniku tal-operatur;
- (d) l-oġġett tal-passaport (identifikazzjoni tal-ġugarell li tippermetti t-traċċabbiltà, inkluż immaġni bil-kulur ċara biżżejjed biex ikun jista' jiġi identifikat il-ġugarell;
- (e) il-kodiċi tal-komodità li bih il-ġugarell jiġi kklassifikat fil-mument meta jinholq il-passaport, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87<sup>3</sup>;
- (f) referenzi għal-leġislazzjoni kollha tal-Unjoni li l-ġugarell jikkonforma magħha;
- (g) referenzi għall-istandards rilevanti armonizzati użati, jew referenzi għal speċifikazzjonijiet komuni li magħhom hi dikjarata l-konformità;
- (h) meta applikabbli: l-isem u n-numru tal-korp notifikat li interviena fil-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità u ħareġ ċertifikat, kif ukoll ir-referenza għaċ-ċertifikat;
- (i) il-markatura CE;
- (j) lista tal-fwejjaħ allerġeniċi preżenti fil-ġugarell li huma soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi tat-tikkettar kif stabbilit fil-Parti B, il-punt 1, tal-Appendiċi tal-Anness II;
- (k) kull sustanza tat-tħassib preżenti fil-ġugarell.

#### **Parti II – Informazzjoni li tista' tiddaħħal fil-passaport tal-prodotti**

- (a) informazzjoni dwar is-sikurezza u twissijiet;
- (b) struzzjonijiet għall-użu.

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

## ANNESS VII

### **LISTA TA' KODIĊIJET TAL-KOMODITAJIET U DESKRIZZJONIJIET TAL-PRODOTTI GĦALL-FINIJIET TAL-ARTIKOLU 20(8)**

|   |                                                                                                                                                                                                                            |
|---|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 1 | ex 3604; ġugarelli pirotekniċi                                                                                                                                                                                             |
| 2 | ex 61, ex 62 Ilbies ikkulurit għat-tfal iżgħar minn 14-il sena, minbarra l-oġġetti kklassifikati f'6111, 6112, 6115, 6116, 6209, 6211, 6212, 6213, 6216                                                                    |
| 3 | ex 8711, ex 8712, ex 8714 Roti tat-tfal, motorizzati jew le, u partijiet tagħhom.                                                                                                                                          |
| 4 | ex 9503 Triċikletti, skuters, karożżi tal-pedali u ġugarelli bir-roti simili; karozzelli tal-pupi; pupi; ġugarelli oħra; mudelli b'daqs ("skala") ridott u mudelli rikreattivi simili, jaħdmu jew le; puzzles ta' kull tip |
| 5 | ex 9505 Oġġetti festivi, tal-karnival jew divertenti oħra, inkluż bużullotti u ċajt innovattiv                                                                                                                             |

**ANNESS VIII**

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| <b>Direttiva 2009/48/KE</b> | <b>Dan ir-Regolament</b> |
|-----------------------------|--------------------------|
| Artikolu 1                  | Artikolu 1               |
| Artikolu 2(1)               | Artikolu 2(1)            |
| Artikolu 2(2)               | Artikolu 2(2)            |
| Artikolu 3(1)               | Artikolu 3(1)            |
| Artikolu 3(2)               | Artikolu 3(2)            |
| Artikolu 3(3)               | Artikolu 3(3)            |
| Artikolu 3(4)               | Artikolu 3(4)            |
| Artikolu 3(5)               | Artikolu 3(5)            |
| Artikolu 3(6)               | Artikolu 3(6)            |
| Artikolu 3(7)               | Artikolu 3(8)            |
| Artikolu 3(8)               | Artikolu 3(10)           |
| Artikolu 3(9)               | -                        |
| Artikolu 3(10)              | Artikolu 3(22)           |
| Artikolu 3(11)              | Artikolu 3(20)           |
| Artikolu 3(12)              | Artikolu 3(21)           |
| Artikolu 3(13)              | Artikolu 3(26)           |
| Artikolu 3(14)              | Artikolu 3(27)           |
| Artikolu 3(15)              | -                        |
| Artikolu 3(16)              | Artikolu 3(12)           |
| Artikolu 3(17)              | -                        |
| Artikolu 3(18)              | Artikolu 3(29)           |
| Artikolu 3(19)              | Artikolu 3(30)           |
| Artikolu 3(20)              | -                        |

|                |                  |
|----------------|------------------|
| Artikolu 3(21) | Artikolu 3(31)   |
| Artikolu 3(22) | Artikolu 3(32)   |
| Artikolu 3(23) | Artikolu 3(33)   |
| Artikolu 3(24) | Artikolu 3(34)   |
| Artikolu 3(25) | Artikolu 3(35)   |
| Artikolu 3(26) | -                |
| Artikolu 3(27) | Artikolu 3(24)   |
| Artikolu 3(28) | Artikolu 3(25)   |
| Artikolu 3(29) | -                |
| Artikolu 4(1)  | Artikolu 7(1)    |
| Artikolu 4(2)  | Artikolu 7(2)    |
| Artikolu 4(3)  | Artikolu 7(3)    |
| Artikolu 4(4)  | Artikolu 7(4)    |
| Artikolu 4(5)  | Artikolu 7(5)    |
| Artikolu 4(6)  | Artikolu 7(6)    |
| Artikolu 4(7)  | Artikolu 7(7)    |
| Artikolu 4(8)  | Artikolu 7(8)    |
| Artikolu 4(9)  | Artikolu 7(9)    |
| Artikolu 5(1)  | Artikolu 8(1)    |
| Artikolu 5(2)  | Artikolu 8(2)    |
| Artikolu 5(3)  | Artikolu 8(3)    |
| Artikolu 6(1)  | Artikolu 9(1)    |
| Artikolu 6(2)  | Artikolu 9(2)    |
| Artikolu 6(3)  | Artikolu 9(3)    |
| Artikolu 6(4)  | Artikolu 9(2)(b) |
| Artikolu 6(5)  | Artikolu 9(4)    |

|                                       |                                    |
|---------------------------------------|------------------------------------|
| Artikolu 6(6)                         | Artikolu 9(5)                      |
| Artikolu 6(7)                         | Artikolu 9(6)                      |
| Artikolu 6(8)                         | Artikolu 9(7)                      |
| Artikolu 6(9)                         | Artikolu 9(8)                      |
| Artikolu 7(1)                         | Artikolu 10(1)                     |
| Artikolu 7(2)                         | Artikolu 10(2)                     |
| Artikolu 7(3)                         | Artikolu 10(3)                     |
| Artikolu 7(4)                         | Artikolu 10(4)                     |
| Artikolu 7(5)                         | Artikolu 10(5)                     |
| Artikolu 8                            | Artikolu 11                        |
| Artikolu 9                            | Artikolu 12                        |
| Artikolu 10(1)                        | Artikolu 5(1)                      |
| Artikolu 10(2)                        | Artikolu 5(2)                      |
| Artikolu 10(3)                        | Artikolu 5(3)                      |
| Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu  | Artikolu 6(1)                      |
| Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu | Artikolu 6(2)                      |
| Artikolu 11(2)                        | Artikolu 6(3)                      |
| Artikolu 11(3)                        | -                                  |
| Artikolu 12                           | Artikolu 4(1)                      |
| Artikolu 13                           | Artikolu 13                        |
| Artikolu 14                           | -                                  |
| Artikolu 15                           | -                                  |
| Artikolu 16(1)                        | Artikolu 15, l-ewwel subparagrafu  |
| Artikolu 16(2)                        | Artikolu 15, it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 16(3)                        | -                                  |
| Artikolu 16(4)                        | Artikolu 4(2)                      |

|                |                   |
|----------------|-------------------|
| Artikolu 17(1) | Artikolu 16(1)    |
| Artikolu 17(2) | Artikolu 16(2)(3) |
| Artikolu 18    | Artikolu 21       |
| Artikolu 19(1) | Artikolu 22(1)    |
| Artikolu 19(2) | Artikolu 22(2)    |
| Artikolu 19(3) | Artikolu 22(3)    |
| Artikolu 20    | -                 |
| Artikolu 21(1) | Artikolu 23(1)    |
| Artikolu 21(2) | Artikolu 23(2)    |
| Artikolu 21(3) | Artikolu 23(3)    |
| Artikolu 21(4) | Artikolu 23(4)    |
| Artikolu 22    | Artikolu 24       |
| Artikolu 23(1) | Artikolu 25(1)    |
| Artikolu 23(2) | Artikolu 25(2)    |
| Artikolu 23(3) | Artikolu 25(3)    |
| Artikolu 23(4) | Artikolu 25(4)    |
| Artikolu 24(1) | Artikolu 26(1)    |
| Artikolu 24(2) | Artikolu 26(2)    |
| Artikolu 24(3) | Artikolu 26(3)    |
| Artikolu 24(4) | Artikolu 26(4)    |
| Artikolu 24(5) | Artikolu 26(5)    |
| Artikolu 24(6) | Artikolu 26(6)    |
| Artikolu 25    | Artikolu 27       |
| Artikolu 26(1) | Artikolu 28(1)    |
| Artikolu 26(2) | Artikolu 28(2)    |
| Artikolu 26(3) | Artikolu 28(3)    |

|                 |                 |
|-----------------|-----------------|
| Artikolu 26(4)  | Artikolu 28(4)  |
| Artikolu 26(5)  | Artikolu 28(5)  |
| Artikolu 26(6)  | Artikolu 28(6)  |
| Artikolu 26(7)  | Artikolu 28(7)  |
| Artikolu 26(8)  | Artikolu 28(8)  |
| Artikolu 26(9)  | Artikolu 28(9)  |
| Artikolu 26(10) | Artikolu 28(10) |
| Artikolu 26(11) | Artikolu 28(11) |
| Artikolu 27     | Artikolu 29     |
| Artikolu 28     | -               |
| Artikolu 29(1)  | Artikolu 30(1)  |
| Artikolu 29(2)  | Artikolu 30(2)  |
| Artikolu 29(3)  | Artikolu 30(4)  |
| Artikolu 29(4)  | Artikolu 30(5)  |
| Artikolu 30(1)  | Artikolu 31(1)  |
| Artikolu 30(2)  | Artikolu 31(2)  |
| Artikolu 30(3)  | -               |
| Artikolu 31(1)  | Artikolu 32(1)  |
| Artikolu 31(2)  | Artikolu 32(2)  |
| Artikolu 31(3)  | Artikolu 32(3)  |
| Artikolu 31(4)  | -               |
| Artikolu 31(5)  | Artikolu 32(4)  |
| Artikolu 31(6)  | Artikolu 32(5)  |
| Artikolu 32(1)  | Artikolu 33(1)  |
| Artikolu 32(2)  | Artikolu 33(2)  |
| Artikolu 33(1)  | Artikolu 34(1)  |



|                   |                |
|-------------------|----------------|
| Artikolu 33(2)    | Artikolu 34(2) |
| Artikolu 34(1)    | Artikolu 35(1) |
| Artikolu 34(2)    | Artikolu 35(2) |
| Artikolu 34(3)    | Artikolu 35(3) |
| Artikolu 34(4)    | Artikolu 35(4) |
| Artikolu 35(1)    | Artikolu 36(1) |
| Artikolu 35(2)    | Artikolu 36(2) |
| Artikolu 35(3)    | Artikolu 36(3) |
| Artikolu 35(4)    | Artikolu 36(4) |
| Artikolu 35(5)    | Artikolu 36(5) |
| Artikolu 36(1)    | Artikolu 38(1) |
| Artikolu 36(2)    | Artikolu 38(2) |
| Artikolu 37       | Artikolu 39    |
| Artikolu 38       | Artikolu 40    |
| Artikolu 39       | -              |
| Artikolu 40       | -              |
| Artikolu 41(1)    | Artikolu 38(1) |
| Artikolu 41(2)(3) | -              |
| Artikolu 42(1)    | Artikolu 41(1) |
| Artikolu 42(2)    | Artikolu 41(2) |
| Artikolu 42(3)    | Artikolu 41(3) |
| Artikolu 42(4)    | Artikolu 41(4) |
| Artikolu 42(5)    | Artikolu 41(5) |
| Artikolu 42(6)    | Artikolu 41(6) |
| Artikolu 42(7)    | Artikolu 41(7) |
| Artikolu 42(8)    | Artikolu 41(8) |

|                           |                                                                       |
|---------------------------|-----------------------------------------------------------------------|
| Artikolu 43(1)            | Artikolu 42(1)                                                        |
| Artikolu 43(2)            | Artikolu 42(2)                                                        |
| Artikolu 43(3)            | Artikolu 42(3)                                                        |
| Artikolu 44               | -                                                                     |
| Artikolu 45(1)            | Artikolu 43(1)                                                        |
| Artikolu 45(2)            | Artikolu 43(2)                                                        |
| Artikolu 46               | -                                                                     |
| Artikolu 47(1)            | Artikolu 47(1)                                                        |
| Artikolu 47(2)            | -                                                                     |
| Artikolu 48               | -                                                                     |
| Artikolu 49               | Artikolu 51                                                           |
| Artikolu 50               | -                                                                     |
| Artikolu 51               | Artikolu 52                                                           |
| Anness I                  | Anness I                                                              |
| Anness II, Parti I        | Anness II, Parti I                                                    |
| Anness II, Parti II       | Anness II, Parti II                                                   |
| Anness II, Parti III, 1-2 | Anness II, Parti III, 1-2                                             |
| Anness II, Parti III, 3   | Anness II, Parti III, 4                                               |
| Anness II, Parti III, 6   | Appendiċi tal-Anness II, il-parti C                                   |
| Anness II, Parti III, 7   | -                                                                     |
| Anness II, Parti III, 8   | Appendiċi tal-Anness II, il-parti A, il-punt 2                        |
| Anness II, Parti III, 9   | Artikolu 46(8)                                                        |
| Anness II, Parti III, 10  | Anness II, Parti III, 8                                               |
| Anness II, Parti III, 11  | Appendiċi tal-Anness II, il-Parti A, il-punt 4 u l-Parti B, il-punt 1 |
| Anness II, Parti III, 12  | Appendiċi tal-Anness II, il-Parti B, il-punt 2                        |
| Anness II, Parti III, 13  | Appendiċi tal-Anness II, il-Parti A, il-punt 1                        |

|                     |                                                |
|---------------------|------------------------------------------------|
| Anness II, Parti IV | Anness II, Parti IV                            |
| Anness II, Parti V  | Anness II, Parti V                             |
| Anness II, Parti VI | Anness II, Parti VI                            |
| Appendiçi A         | Appendiçi tal-Anness II, il-Parti C            |
| Appendiçi B         | -                                              |
| Appendiçi C         | Appendiçi tal-Anness II, il-Parti A, il-punt 3 |
| Anness III          | -                                              |
| Anness IV           | Anness V                                       |
| Anness V            | Anness III                                     |